C/2024/2709

18.4.2024

Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-12 ta' Frar 2024

dwar deċiżjoni skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) 2022/1925

(Cases DMA.100015 – Microsoft – Online Search Engines, DMA.100028 – Microsoft – Web Browsers, DMA.100034 – Microsoft – Online Advertising Services)

(innotifikata permezz ta' dokument numru C(2023) 6078)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(C/2024/2709)

Fit-12 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 2022/1925 ([1]). *F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2022/1925, il-Kummissjoni qed tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut ewlieni tad-deċiżjoni, wara li kkunsidrat l-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.*

1. INTRODUZZJONI

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ("id-Deċiżjoni") tistabbilixxi r-raġunijiet li abbażi tagħhom il-Kummissjoni, wara l-investigazzjonijiet tas-suq tagħha skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) 2022/1925 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali, id-"DMA"), ma ħatritx lil Microsoft Corporation (minn hawn 'il quddiem "Microsoft" jew l-"Impriża") bħala gwardjan skont l-Artikolu 3 tad-DMA fir-rigward tat-tliet servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħha ("CPSs", Core Platform Services) jiġifieri, il-magna tat-tiftix online Microsoft Bing, il-brawżer tal-internet Microsoft Edge u s-servizzi ta' reklamar online ta' Microsoft Advertising, minkejja li jissodisfaw il-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA.

2. PROĊEDURA

(2) Wara n-notifika ta' Microsoft fit-3 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni fil-5 ta' Settembru 2023, li taħtar lil Microsoft bħala gwardjan skont l-Artikolu 3 tad-DMA fir-rigward tas-CPS tas-sistema operattiva tagħha Windows PC OS u s-CPS tan-networking soċjali online tagħha LinkedIn ([2]). F'dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li Outlook.com jikkostitwixxi servizz ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri ("NIICS") li għalih Microsoft tissodisfa l-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA, iżda li Microsoft uriet b'mod ċar u komprensiv li r-rekwiżit li dak is-CPS jikkostitwixxi gateway importanti stabbilit fl-Artikolu 3(1)(b) tad-DMA mhuwiex sodisfatt. Għal din ir-raġuni, Microsoft ma nħatritx bħala gwardjan fir-rigward tas-CPS tal-NIICS tagħha Outlook.com. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li Microsoft Bing, Microsoft Edge u Microsoft Advertising, rispettivament, jikkostitwixxu magna tat-tiftix online, brawżer tal-internet u servizzi ta' reklamar online, ilkoll CPSs skont l-Artikolu 2(2) tad-DMA, li għalihom Microsoft tissodisfa l-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA, madankollu Microsoft ippreżentat argumenti sostanzjati biżżejjed li jikkontestaw b'mod ċar il-preżunzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA fir-rigward ta' kull wieħed minn dawk it-tliet CPSs.

(3) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni fil-5 ta' Settembru 2023, fejn fetħet tliet investigazzjonijiet tas-suq skont l-Artikoli 16(1) u 17(3) tad-DMA biex tivvaluta jekk, wara l-argumenti ppreżentati minn Microsoft skont l-Artikolu 3(5) tad-DMA, il-magna tat-tiftix online Bing ta' Microsoft, il-brawżer tal-internet tagħha Edge, u s-servizzi ta' reklamar online tagħha Microsoft Advertising għandhomx jiġu elenkati bħala gateways importanti biex l-utenti kummerċjali jilħqu lill-utenti finali fid-deċiżjoni li taħtar lil Microsoft bħala gwardjan ([3]).

([1]) Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1).
([2]) Id-Deċiżjoni C(2023) 6106 final, tal-5 ta' Settembru 2023.
([3]) Id-Deċiżjoni C(2023) 6078 final, tal-5 ta' Settembru 2023.

(4) Fid-29 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni kkomunikat is-sejbiet preliminari tagħha lil Microsoft skont l-Artikolu 17(3) tad-DMA. Microsoft wieġbet fil-5 ta' Diċembru 2023.

(5) F'konformità mal-Artikoli 17 u 50(2) tad-DMA, il-Kumitat Konsultattiv għas-Swieq Diġitali ġie kkonsultat u ta opinjoni pożittiva fl-1 ta' Frar 2024.

3. QAFAS LEGALI

(6) Id-DMA jistabbilixxi sett ta' kriterji oġġettivi definiti b'mod strett għall-ħatra ta' impriża bħala gwardjan. Il-ħatra trid issir b'rabta ma' CPS wieħed jew aktar ipprovdut mill-impriża li jkun gateway importanti biex l-utenti kummerċjali jilħqu lill-utenti finali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tad-DMA. Sabiex jiġi ddeterminat jekk is-servizz ipprovdut minn impriża jkunx CPS li jissodisfa r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 3(1)(b) tad-DMA, bħala pass preliminari, huwa meħtieġ li jiġi kkwalifikat u delinjat is-servizz rispettiv. Kriterju rilevanti għall-kwalifikazzjoni u d-delinjazzjoni tas-CPSs huwa l-iskop li għalih jintuża s-servizz mill-utenti finali jew mill-utenti kummerċjali jew mit-tnejn li huma.

(7) Skont l-Artikolu 3(1) tad-DMA, il-Kummissjoni għandha taħtar impriża bħala gwardjan jekk din tissodisfa tliet rekwiżiti kumulattivi, jiġifieri: (a) ikollha impatt sinifikanti fuq is-suq intern; (b) tipprovdi CPS li huwa gateway importanti biex l-utenti kummerċjali jilħqu lill-utenti finali; u (c) tkun qed tgawdi minn pożizzjoni stabbilita u durabbli fl-operazzjonijiet tagħha, jew ikun prevedibbli li fil-futur qrib tkun se tgawdi pożizzjoni bħal din. L-Artikolu 3(2) tad-DMA jistabbilixxi l-preżunzjoni li dawk ir-rekwiżiti jiġu sodisfatti meta jiġu sodisfatti ċerti limiti kwantitattivi, partikolarment dwar il-fatturat tal-kumpanija jew il-kapitalizzazzjoni tas-suq kif ukoll l-għadd ta' utenti finali u utenti kummerċjali ta' xi CPS partikolari f'kull waħda mill-aħħar tliet snin finanzjarji.

(8) Skont l-Artikoli 3(5) u 17(3) tad-DMA, il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni tas-suq sabiex teżamina jekk impriża li tipprovdi CPSs li jissodisfaw l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA u li tkun ippreżentat argumenti sostanzjati biżżejjed f'konformità mal-Artikolu 3(5) tad-DMA u li manifestament jikkontestaw il-preżunzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA tissodisfax madankollu l-kriterji fl-Artikolu 3(1) tad-DMA jew le. F'konformità mar-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni taċċetta jew tirrifjuta l-konfutazzjoni ta' impriża u konsegwentement taħtar jew ma taħtarx l-impriża bħala gwardjan skont it-tifsira tad-DMA.

4. IL-VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

(9) Wara n-notifika ta' Microsoft u l-investigazzjonijiet tas-suq imwettqa mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 17(3) u 3(5) tad-DMA, il-Kummissjoni ma taħtarx lil Microsoft bħala gwardjan fir-rigward ta' (i) il-magna tat-tiftix online tagħha Bing, (ii) il-brawżer tal-internet tagħha Edge, u (iii) is-servizzi ta' reklamar online tagħha Microsoft Advertising, peress li dawn is-servizzi mhumiex gateways importanti biex l-utenti kummerċjali jilħqu lill-utenti finali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tad-DMA.

(10) Fir-rigward tal-magna tat-tiftix online Bing ta' Microsoft, il-Kummissjoni tibbaża l-konklużjoni tagħha fuq ir-raġunijiet li ġejjin.

(11) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tqis li l-iskala tal-użu ta' Bing mill-utenti finali hija baxxa meta mqabbla mal-iskala ġenerali tal-kategorija tas-CPSs tal-magni tat-tiftix online kif ukoll meta mqabbla mal-akbar magna tat-tiftix online Google Search. L-iskala limitata tal-użu ta' Bing mill-utenti finali tindika mhux biss li Bing mhijiex gateway importanti biex l-utenti finali jsibu utenti kummerċjali, iżda wkoll li mhijiex gateway importanti biex l-utenti kummerċjali jilħqu lill-utenti finali.

(12) It-tieni, il-Kummissjoni tqis li bħalissa l-ekosistema tal-pjattaforma ta' Microsoft ma tagħtix biżżejjed kontribut biex Bing tkun gateway importanti biex l-utenti kummerċjali jilħqu lill-utenti finali. Barra minn hekk, l-investigazzjoni tas-suq ikkonfermat li t-tnedija ta' Bing Chat, iffaċilitata minn ChatGPT 4, fi Frar 2023 ma wasslitx għal żieda stabbli u sinifikanti fl-użu tal-magna tat-tiftix online ta' Bing, matul il-perjodu kkunsidrat fl-investigazzjoni tas-suq.

(13) Fir-rigward tal-brawżer tal-internet Edge ta' Microsoft, il-Kummissjoni tibbaża l-konklużjoni tagħha fuq ir-raġunijiet li ġejjin.

(14) L-ewwel nett, l-iskala tal-użu ta' Edge fil-kategorija tas-CPSs tal-brawżers tal-internet hija baxxa. Barra minn hekk, l-evidenza turi li l-integrazzjoni ta' Bing Chat, il-PC OS ta' Windows u l-applikazzjonijiet ta' Microsoft (M365), sa dan il-punt, għadhom ma ssarrfux f'żieda sinifikanti u sostnuta fl-iskala globali ta' Edge bħala brawżer tal-internet.

(15) It-tieni, Microsoft ma tikkontrollax l-arkitettura rilevanti tal-brawżer tal-internet. Konsegwentement, il-mod li bih il-kontenut jingħata fuq Edge mill-utenti kummerċjali lill-utenti finali huwa bbażat fuq il-konformità mas-sistema li tirrendi l-brawżer ta' Alphabet "Blink", aktar milli xi għażla awtonoma minn Microsoft.

(16) It-tielet, l-ekosistema tal-pjattaforma ta' Microsoft bħalissa ma tagħtix biżżejjed kontribut biex Edge jkun gateway importanti biex l-utenti kummerċjali jilħqu lill-utenti finali. Bl-istess mod, il-kapaċità ta' Microsoft li tuża l-Edge bħala lieva biex tixpruna l-użu ta' servizzi oħra ta' Microsoft attwalment hija limitata. Fl-aħħar nett, wara l-ħatra ta' Microsoft bħala gwardjan għall-PC OS tagħha Windows, l-Artikolu 6(3) tad-DMA jobbliga lil Microsoft tippermetti lill-utenti finali jneħħu faċilment kwalunkwe applikazzjoni ta' software u jibdlu faċilment il-konfigurazzjonijiet prestabbiliti fuq l-OS, u dan inaqqas aktar kwalunkwe vantaġġ li jista' jinkiseb mill-preinstallazzjoni tal-Edge fuq l-apparati tal-Windows.

(17) Fir-rigward tas-servizzi ta' reklamar online ta' Microsoft Advertising, il-Kummissjoni tibbaża l-konklużjoni tagħha fuq ir-raġunijiet li ġejjin.

(18) L-ewwel nett, Microsoft Advertising għandu skala relattivament żgħira meta mqabbel mal-iskala ġenerali tal-attivitajiet fil-kategorija tas-CPSs tar-reklamar online fl-Unjoni, kif ukoll meta mqabbel mal-forniturі ewlenin tas-servizzi ta' reklamar online fl-Unjoni.

(19) It-tieni, sal-lum, il-vantaġġi xprunati mid-*data* u l-effetti tan-network tal-ekosistema ta' servizzi tal-pjattaforma ta' Microsoft (speċjalment il-magna tat-tiftix online Bing) ma rriżultawx f'effetti fuq skala suffiċjenti li jibbenefikaw lil Microsoft Advertising. Għalhekk, Microsoft Advertising ma jikkostitwix gateway importanti biex l-utenti kummerċjali jilħqu lill-utenti finali.

(20) It-tielet, l-użu ta' Microsoft Advertising mill-utenti kummerċjali huwa baxx u dan kompla jikkonferma li ma jistax jitqies bħala gateway importanti biex l-utenti kummerċjali jilħqu lill-utenti finali.

5. **KONKLUŻJONI**

(21) Għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, id-Deċiżjoni tagħlaq l-investigazzjonijiet tas-suq miftuħa bid-Deċiżjoni C(2023) 6078 tal-5 ta' Settembru 2023 dwar (i) il-magna tat-tiftix online Bing, (ii) il-brawżer tal-internet Edge, u (iii) s-servizzi ta' reklamar online ta' Microsoft Advertising ta' Microsoft, billi tikkonkludi li dawk is-CPSs ma għandhomx jiġu elenkati bħala gateways importanti biex l-utenti kummerċjali jilħqu lill-utenti finali fid-deċiżjoni li taħtar lil Microsoft bħala gwardjan skont l-Artikolu 3 tad-DMA.

(22) Dik il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra mill-ġdid jew temenda din id-Deċiżjoni, skont l-Artikolu 4(1) tad-DMA, jekk ikun hemm kwalunkwe bidla sostanzjali f'xi wieħed mill-fatti li fuqhom din hija ibbażata, jew jekk din id-Deċiżjoni kienet ibbażata fuq informazzjoni mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa.